ŻEBBUĠ

**<u>Minuti</u> tas-Seduta Nru. 55/10**

**Iltaqa' fil-Bini tal-Kunsill Lokali Żebbuġ**

**Data: It-Tnejn, is-6 ta' Settembru 2010**

**Ħin: Fil-5.30 ta' filgħaxija**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sur Carmelo Saliba – Sindku**
- **Is-Sur Joseph Bajada – Deputat Sindku**
- **Is-Sur Harry Debono – Kunsillier**
- **Is-Sur Joseph Camilleri – Kunsillier**
- **Is-Sur Victor Refalo – Kunsillier**
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Ippresjeda l-laqgħa s-Sindku Carmelo Saliba.

## 1. TALBA

Intqalet talba mis-Sindku u ngħata bidu għall-laqgħa.

## 2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Billi l-minuti tas-seduta b' nru. 54/10 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

Is-Sindku għamel referenza għall-pġ. 2 l-ewwel para. u qal kif huma miktuba l-minuti ma jiftehmux. Is-Sindku qal għandu jidħol fil-minuti '' Dwar l-offerta tal-ġbir tal-iskart domestiku mħallat bieb bieb, l-offerent Louis Attard …………'' Ittieħdet nota ta' dan fil-minuti.

Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti bil-korrezzjonijiet li saru u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu.

Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati kif emendati u ffirmati.

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAD-19/08/2010**

Billi l-minuti tal-laqgħa tad-19 ta' Awwissu 2010 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti kif ippreżentata u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu.

Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

## 3. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

Ma tqajjmux punti mill-minuti 54/10.

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAD-19/08/2010**

Il-Kunsillier Refalo lmenta dwar il-fatt li meta hu ġie avżat bil-laqgħa, ħadd ma nfurmah bil-korrispondenza ta' Emanuel Sultana.

Il-Kunsillier Refalo tkellem dwar l-attivita' tat-tfal fuq il-*bumping cars* u qal hu sar jaf bl-attivita' mill-bullettin.

L-Aġenda kienet sospiża biex rappreżentanti tal-Kumitat Żebbuġ Rovers F.C. indirizzaw lill-Kunsill. Tkellmu dwar il-grawnd tal-iskola u xi żviluppi li setgħa kien hemm.

Is-Sindku ppropona li l-bażi ssir bit-tarmak u mhux bil-konkos.

Kien maqbul li tintbagħat ittra lill-Ministru għal Għawdex ikkupjata lill-Ministru għal Edukazzjoni, id-Direttur Ġenerali – Servizzi Edukattivi, il-Kav. Frank Gatt – Gozo College u l-Kap tal-Iskola dwar l-intenzjoni tal-Kunsill li jinvesti fil-grawnd tal-iskola bit-tkabbir tal-grawnd eżistenti bit-turf sintetiku u nitolbu appuntament għal laqgħa mal-Ministru għal Għawdex.

## 4. MINUTI – KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN

Il-Kunsill Lokali approva (Laqgħat Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn nru. 02/2010 u 03/2010):

(i) li jibgħat jipproponi lil Transport Malta l-proposti segwenti

- titpoġġa *bus shelter* ġdida maġenb ir-*roundabout* li tgħaqqad Triq il-Qolla s-Safra ma' Triq il-Qbajjar.

- jitranġa l-arloġġ tat-Terminus biex dan jaqra ħin tajjeb u biex miegħu jimxu x-xufiera tal-karrozzi tal-linja. Dan l-arloġġ għandu jinżamm jaħdem ukoll matul ix-xhur tax-xitwa.
- ix-xarabank tas-7.30 ta' filgħodu għandha titla' l-Qbajjar speċjalment fix-xitwa biex it-tfal tal-iskola jinġabru aktar qrib lejn id-dar.
- jitwaħħal sinjal tat-traffiku li juri STOP fit-tarf ta' Triq tan-Naħla (li tiġi k/m Triq il-Qbajjar).
- fi Pjazza San Pawl fejn jingħaqdu flimkien Triq Għar Qawqla u Triq ix-Xagħra titpinġa *roundabout* mal-art simili għal li hemm f' salib it-tiġrija fir-Rabat u jsiru tabelli ta' prijorita' mal-kantunieri u sinjali oħra mal-art biex jiggwidaw il-karrozzi għal fuq il-linja tagħhom.

(ii) issir talba lill-Kumitat Konġunt tal-LES biex isir infurzar fir-rigward ta'

- vannijiet tan-negozju jkunu projbiti li jipparkjaw b' mod li jingumbraw il-faċċata tal-ħanut 'IVY' fi Triq il-Port k/m Triq ir-Rabat.
- kontroll tal-*parking* fi Triq Għar Qawqla.

(iii) jinqalgħu msiemer qodma li hemm fuq il-paletta ta' quddiem l-Għassa tal-Pulizija (jagħmlu x-xogħol il-ħaddiema tal-IPSL).

(iv) li jġib għall-attenzjoni tal-Ministeru għal Għawdex il-ħsara li saret fl-arkati ta' Triq ir-Rabat.

(v) issir talba lid-Dipartiment ta' l-Agrikoltura biex jitħawwlu siġar fil-wied ta' Marsalforn (fil-bokka tal-wied, mal-ġnub tal-wied).

(vi) l-attivita' End of Summerfest, marċ mill-Banda Santa Marija l-Ħadd id-19 ta' Settembru 2010.

## 5. KORRISPONDENZA

Sar il-qari ta' din il-korrispondenza:

Ittra mibgħuta mill-Kunsill Lokali Mqabba dwar l-attivita' 'L-Imqabba mal-Medda taż-Żmien'. Is-Sindku talab lis-Segretarja Eżekuttiva biex tavża lil Ms Maria Cefai u Ms Jacqueline Vella dwar il-parteċipazzjoni tal-korijiet f' din l-attivita'.

Dwar Memo 95/2010 Skema dwar inizzjattivi ta' attivitajiet 2011, il-Kunsill qabel li jissottometti applikazzjoni għall-attivitajiet ta' 'Ilwien ir-Rebbiegħa 2011, 15-17 ta' April 2011'.

Komunikat mill-Qorti ta' Għawdex dwar il-każ Anthony Mercieca vs Kunsill Lokali Żebbuġ. Ser ngħaddu din il-korrispondenza lil Dr Angele Formosa.

Avviż ta' infurzar maħruġ mill-MEPA dwar il-kostruzzjoni ta' bankina f' sit viċin ta' Triq Santa Marija. Is-Sindku talab lis-Segretarja Eżekuttiva biex tgħaddi dan l-Avviż lill-Perit u jissottometti applikazzjoni mal-MEPA jekk hu l-każ.

Komunikat tal-Assoċjazzjoni tal-Organizzazjonijiet mhux Governattivi Għawdxin dwar il-parteċipazzjoni ta' NGOs f' attivitajiet organizzati mill-Kunsill Lokali.

Ittra tal-Kunsillier Camilleri dwar att vandalu li sar fuq il-karrozza tiegħu fil-lejl ta' bejn it-13 u l-14 ta' Awwissu 2010. Il-Kunsillier Camilleri rtira mill-laqgħa waqt li l-Kunsill kien qed jiddiskuti l-ittra tiegħu.
Ġie deċiż li jintalab il-parir tad-Dipartiment dwar it-talba li ressaq Camilleri għal kumpens.

Ittra mibgħuta mill-WasteServ dwar it-twaħħil ta' tabelli bid-dettalji tal-Kunsill fuq il-*bins* tal-*bring-in sites*. Ġie deċiż li dawn it-tabelli jsiru l-quddiem.

## 6. APPROVAZZJONI TAL-KONTIJIET

**Dawn il-pagamenti ġew approvata:-**

Emendi għall-applikazzjoni PA 1211/03 – Ġnien it-Tlett Għoljiet
(MEPA) €81.56
Ġarr ta' siġġijiet għall-attivita' Spettaklu ta' Talent Lokali 2010
(Mario Vella) €85.00
*Lodging* fil-Lukanda Downtown – id-Direttur Ray Mangion 06-07/08/10
Musical 'Għeruqna' (Downtown Hotel) €85.05
Tindif tal-pjazza u t-toroq tal-madwar fil-*weekend* tal-festa 21-22/08/10
(Emanuel John Grech) €130.00
Tiswija tal-istruttura tal-bandli fil-*promenade* tal-Qbajjar
(John Zammit) €70.00
Tiswija ta' bank fil-*promenade* tal-Qbajjar
(John Zammit) €50.00
Tindif u żamma tal-latrina pubblika taż-Żebbuġ – Awwissu 2010
(Nancy Cefai) €143.84
Ġbir ta' *bulky refuse* u tindif u żamma tal-latrini ta' Marsalforn –
Lulju 2010 (Dipartiment ta' l-Indafa Pubblika) €662.78
Ġbir ta' l-iskart domestiku (*double collection* f' Marsalforn) u tbattil u tindif ta' l-i*skips* –
Lulju 2010 (Louis Attard) €7,619.83
Konsum u kera tal-linji tat-telefons
(GO) €300.15
Konsum u kera tal-arloġġi tad-dawl u tal-ilma 27/01 – 26/04/2010
latrina pubblika taż-Żebbuġ
(ARMS Ltd) €201.68
Konsum u kera tal-arloġġi tad-dawl u tal-ilma 27/01– 26/04/2010
Uffiċini tal-Kunsill
(ARMS Ltd) €272.30
Servizz mill-MITA 19/07/2010 (MITA) €37.52
Żebgħa għall-latrina pubblika taż-Żebbuġ
(Dominic Department Stores Ltd) €45.78
Provvista ta' ramel u konkos – diversi xogħlijiet

(Road Construction Co Ltd) €210.16
6 xkejjer siment – pavimentar fi Triq Santa Marija u konok fi Triq il-Wied
(Joseph Caruana Co Ltd) €37.50
2 xkupi (Joseph Caruana Co Ltd) €4.80
Xogħol fuq il-funtana tal-*promenade* tal-Qbajjar
(Angelo Cini) €1,164.75
Materjal – xogħol fuq il-funtana tal-*promenade* tal-Qbajjar
(JCR Ltd) €474.29
Xafra għall-*grasscutter* (Ronnie Mizzi) €35.40
Kera tal-bini tal-Kunsill 07/2010 – 06/2011 – tal-kantina u s-sular ta' mat-triq
(Anthony Vella) €2,320.00
Kera tal-bini tal-Kunsill 06/09/2010 – 05/03/2011 – tal-ewwel sular
(Anthony Vella) €1,163.52
Inviti – Musical 'Għeruqna' (B.C.D. Graphics Ltd) €62.29
*Posters* – Musical 'Għeruqna' (B.C.D. Graphics Ltd) €137.43
Ċertifikati lill-parteċipanti tal-Musical 'Għeruqna'
(B.C.D. Graphics Ltd) €144.30
Stampar ta' *newsletter* tal-Kunsill (B.C.D. Graphics Ltd) €391.33

Il-Kunsilliera Camilleri u Refalo oġġezzjonaw għall-ħlas ta' dan il-kont. Qalu approvazzjoni minn qabel biex ikun stampat dan il-fuljett ma kienx hemm. Is-Sindku qal approvazzjoni biex ikunu stampati l-avviżi tal-Kunsill kien hemm f' seduta li nżammet f' Jannar li għadda.

Is-Sindku ressaq il-kont għal vot.
Favur – is-Sindku u l-Kunsillier Debono.
Kontra – il-Kunsilliera Camilleri u Refalo.
Is-Sindku uża l-'casting vote' tiegħu u l-kont għadda.

Servizzi ta' librara – Awwissu 2010 (Joanne Grima) €46.64
Tindif tal-pjazza u t-toroq tal-madwar fil-*weekend* tal-festa 21-22/08/10
(Ġakbu Zahra) €130.00
Servizzi ta' ġarr ta' flus – Lulju 2010
(Group 4S Security Services Ltd) €30.44
Tisqija tas-siġar fi Triq iż-Żebbuġ u Triq Wied l-Infern
(Alfred Attard) €68.00
Tindif ta' l-uffiċini tal-Kunsill – Awwissu 2010
(Salvina Bajada) €16.31
Tiswija ta' diversi lampi (Richard Cauchi) €1,185.16
*Contract Manager fee* – Awwissu 2010
(Galea Curmi Engineering Consultants) €95.93
Servizzi ta' inġinier – festun għall-*front* ta' Marsalforn
(Galea Curmi Engineering Consultants) €153.40
Servizzi ta' inġinier – proġett propost għall-finanzjament mill-UE
(Galea Curmi Engineering Consultants) €330.40
Drittijiet legali – Mandat Rose Mercieca vs Kunsill Lokali Żebbuġ
(Dr Mario Scerri) €250.00
Nar tal-art għal 'Ilwien ir-Rebbiegħa' 2010
(Soċjeta' Mużikali Madonna tal-Ġilju) €1,000.00

| | |
|---|---|
| Parteċipazzjoni fil-Musical ‘Għeruqna’ (J Anvil) | €500.00 |
| Parteċipazzjoni fil-Musical ‘Għeruqna’ (Georgina Abela) | €500.00 |
| Kiri ta’ *generator* 04-06/08/10 – Musical ‘Għeruqna’ (Power Sound) | €708.00 |
| Kiri ta’ *generator* 05-06/08/10 – Musical ‘Għeruqna’ (Power Sound) | €442.50 |
| Kiri ta’ 2 *way radio* – Musical ‘Għeruqna’ (Power Sound) | €94.40 |
| Kiri ta’ sistema ta’ dawl, *sound* u *screen* – Musical ‘Għeruqna’ (Power Sound) | €12,980.00 |
| *Lodging* fil-Lukanda Calypso – id-Direttur Ray Mangion 26-27/07/10 Musical ‘Għeruqna’ (Hotel Calypso) | €163.75 |
| *Lodging* fil-Lukanda Calypso – id-Direttur Ray Mangion 30/07 - 01/08/10 Musical ‘Għeruqna’ (Hotel Calypso) | €315.00 |
| *Lodging* fil-Lukanda Calypso – id-Direttur Ray Mangion 03-06/08/10 Musical ‘Għeruqna’ (Hotel Calypso) | €453.75 |
| Direzzjoni tal-Musical ‘Għeruqna’ (Ray Mangion) | €935.60 |
| Servizz ta’ fotografu – Musical ‘Għeruqna’ (Joseph Mercieca) | €395.00 |
| *Playing centre* għall-*playing field* taż-Żebbuġ (JGC Ltd) | €2,962.50 |
| Taraġ għall-passaġġ tal-injam fuq il-Bajja ta’ Marsalforn (Mario Vella) | €320.00 |
| Tabelli (Refalo Signs) | €165.00 |
| Paga tas-Segretarja Eżekuttiva – Awwissu 2010 (Diane Tagliaferro) | €1,548.46 |
| Onorarja tas-Sindku – Awwissu 2010 (Carmelo Saliba) | €341.03 |
| Paga tal-Ass. Uffiċjal Prinċipali – Awwissu 2010 (Micheline Cutajar) | €1,123.85 |
| Ammont dovut lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni – Awwissu 2010 (Dipartiment tat-Taxxi Interni) | €1,289.40 |
| Rimbors tal-*petty cash* – Awwissu 2010 | €68.36 |

## 7. <u>SEJĦIET GHALL-OFFERTI</u>

### TINDIF U MANUTENZJONI TAL-LATRINI PUBBLIĊI TAŻ-ŻEBBUĠ

Is-Sindku għarraf lill-Kamra li kienu ntefgħu tlett offerti għall-Kuntratt tat-tindif u l-manutenzjoni tal-latrini pubbliċi taż-Żebbuġ. Qal li l-offerti huma ta’, b’ valur:

| | |
|---|---|
| Noel Attard | €210.50 |
| Annunziata Cefai | €1,863 kull sena |
| Paola Spiteri | €30,599.55 għal tlett snin. |

Ġie deċiż li Attard jintalab jagħmel bil-miktub kjarifika taċ-ċifra kwotata fl-offerta tiegħu (jindika għal kemm żmien).

## 8. AFFARIJIET OĦRA

Is-Sindku ppropona u l-Kunsill approva:

- żewġ ħarġiet għall-anzjani f' Għawdex, waħda fix-xahar ta' Ottubru u oħra f' Diċembru.
- ħarġa kulturali għal Malta f' Novembru.
- quddiesa fiċ-ċimiterju tal-parroċċa fix-xahar ta' Novembru.
- *party* tal-Milied għat-tfal (it-tfal jintalbu jħallsu €2 kull wieħed).
- l-istampar ta' kalendarju għas-sena 2011 (għandhom jintalbu kwotazzjonijiet).

## 9. AĠĠORNAMENT

Il-Kunsill Lokali aġġorna fit-8.00 ta' filgħaxija għal nhar it-Tnejn 4 ta' Ottubru 2010 fil-5.30 ta' filgħaxija.

**Carmelo Saliba CLJ MMLJ**
***Sindku***

**Diane Tagliaferro**
***Segretarja Eżekuttiva***